MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2011

Numru. 996/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR LOUISE CALLEJA**
**VS**
**PAOLO ATTARD**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Paolo Attard, ta’ 55 sena, iben Emanuel u Filomena neè Pace, imwieled Londra, l-Ingilterra, fid-19 ta’ Settembru 1955, residenti gewwa 56, Triq il-Vittorja, Hamrun u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 46978(M);

Illi hu akkuzat talli nhar il-23 ta’ Mejju 2008 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, bhala cittadin jew resident permanenti ta’ Malta, sew jekk f’Malta jew barra minn Malta:

Talli gibed jew ippermetta li jingibed xi ritratt, *film, video recording* jew xbieha elettronika indecenti ta' persuna ta' taht l-età, jew qassam jew wera ritratt, *film*, *video recording*, jew xbieha elettronika indicenti ta' persuna ta' taht l-età, jew qassam jew wera ritratt, *film*, *video recording*, jew xbieha elettronika indicenti bhal dawn, jew kellu fil-pusses tieghu ritratt, *film, video recording* jew xbieha elettronika indecenti bhal dawn liema reat hu aggravat bil-fatt li xi whud minn dawn ir-ritratti, films, *video recordings* jew xbiehat elettronici indicenti juru persuni taht l-età li ma kinux ghalqu d-disa' snin, u dan bi ksur tal-Artikolu 208(A) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u dak ta' l-imputat (a fol 10) fejn l-imputat ma jsibx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Semghet il-konferma tal-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli lill-imputat ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Paolo Attard** hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 208A, 28A u 28G tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; Artikolu 7(5) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal **tmintax (18)-il xahar prigunerija sospiza ghal tlett (3) snin.** In oltre', tqieghedu taht Supervision Suspended Order ghal perjodu ta' tlett snin taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat. Illi, in oltre', l-Qorti tqieghed lill-imputat taht Treatement Order, taht il-psikologa Roberta Holland ghal perijodu ta' tmintax (18)-il

xahar, b'dana li l-imputat ghandu jattendi almenu *session* ta' terapija ta' mhux anqas minn darba fix-xahar, liema *Treatement Plan* qed tithalla f'idejn l-istess psikologa Roberta Holland.

In oltre', l-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-hard drives li kienu jikkontjenu l-materjal pronografiku illi gew elevati u ezebiti mill-prosekuzzjoni f'dawn l-atti.

Il-Qorti tordna kopja ta' din is-sentenza li tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services u ohra lil psikologa Roberta Holland.

Il-Qorti akkordat din il-piena wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, il-fatt illi ghandu fedina penali nadifa netta u in vista tal-rezultanzi tar-rapport Dok. JM mill-Pulizija tas-Cyber Crime Unit illi juru illi l-imputat kien mahkum b'mod sostanzjali ta' dan il-vizzju mistkerr.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------